# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2017**

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 63/17JRM**

Deborah Anne **BUTTIĠIEĠ**, Jonathan Vella u Marisa Saliba

vs

Joseph Rapa, **SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**, u Ivan Falzon, fil-kapaċita' tiegħu ta' *Chief Executive Officer* tal-Isptar *Mater Dei*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Jannar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti (i) issib li d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrkin, jew min minnhom, li jimponu "*absence deduction*" mill-ħlas tas-salarju tal-atturi wara li dawn obdew direttiva ta' azzjoni industrijali minn *trade union* hija waħda inġusta u bi ksur tal-artikolu 469A(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ssib li d-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-imħarrkin, jew minn min minnhom, biex lill-atturi jinqatagħlhom ħlas mis-salarju tagħhom taħt

l-iskuża ta' "*absence deduction*" huma nulli, bla siwi u bla effett; (iii) issib li l-atturi jistħoqqilhom jitħallsu dak li tnaqqsilhom mis-salarju tagħhom bla ebda jedd u b'riżultat tal-imsemmija deċiżjoni illegali; (iv) tillikwida, għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 u minħabba li d-deċiżjoni ttieħdet b'mala fidi u/jew b'mod mhux raġonevoli, id-danni kollha mġarrba minnhom, magħdud in-nuqqas ta' ħlas sħiħ tas-salarju u, jekk ikun il-każ, id-danni għall-ħsara psikoloġika u biex tagħmel tajjeb għall-inġurja morali li ġarrbu minħabba l-imsemmija deċiżjoni; (v) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati; u (vi) tikkonferma l-ordni mogħtija mill-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1872/16JRM. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ kull jedd tagħhom ta' azzjoni oħra;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Frar, 2017, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħoddx għall-każ tal-atturi billi l-kwestjoni kienet titratta ċ-ċaqlieq ta' impjegati minn taqsima għal taqsima oħra tal-Isptar *Mater Dei* u dan jammonta għal amministrazzjoni interna li ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfissra f'dak l-artikolu; li l-azzjoni attriċi trid titqies fil-qafas ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(6) dwar in-natura partikolari tas-servizz mal-Gvern; li l-imħarrek Ivan Falzon mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża, għaliex mhuwiex persuna ġuridika u r-rappreżentanza ġuridika tal-Isptar hija mħollija fid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa u mhux fil-kap eżekuttiv tal-Isptar; li jonqos fl-azzjoni attriċi s-sies ġuridiku billi huwa l-imħarrek Segretarju Permanenti li għandu r-responsabbilta' li jqassam u jassenja r-riżorsi umani biex jagħtu s-servizzi tagħhom fl-Isptar u mhux lill-Union tal-ħaddiema. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, billi qalu li d-deċiżjoni li minnha jilmintaw l-atturi kienet tajba u skond il-liġi u dan minħabba li l-imġiba tal-atturi meta segwew id-direttiva tal-azzjoni industrijali tat ir-raġuni għat-teħid tal-istess deċiżjoni. Itemmu jgħidu li, madankollu, lanqas fadal lok li l-Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' fis-seħħ ladarba l-atturi tħallsu dak li kien qiegħed jitnaqqsilhom mis-salarju tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2017, li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kienet se tisma' t-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet preliminari u tagħti sentenza dwarhom;

Rat in-Nota ta' Ċessjoni mressqa mill-atturi fis-16 ta' Mejju, 2017[1], li biha iddikjaraw li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, tħallsu l-arretrati kollha tas-salarju u benefiċċji li kienu nżammulhom b'riżultat tas-sehem tagħhom fl-azzjoni industrijali u kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li kienu talbu l-ħruġ tiegħu, u rtiraw it-talbiet attriċi kollha tagħhom u talbu li l-Qorti tagħti sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Mejju, 2017, li bih ħalliet il-kawża għaċ-ċessjoni jew tagħrif ulterjuri;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Ottubru, 2017[2], li bih l-avukati tal-partijiet għarrfu lill-Qorti li ma kinux laħqu qbil dwar min kellu jerfa' l-ispejjeż tal-kawża u talbu smigħ wieħed biex iressqu l-provi dwar dan il-kap;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-atturi;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar il-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi lmentaw minn deċiżjoni meħuda dwarhom wara li huma qatgħuha li jobdu direttiva ta' azzjoni industrijali maħruġa mill-Union li huma mseħbin fiha dwar ċaqlieq tagħhom (u ta' sħabhom oħrajn) minn taqsima tal-post fejn jaħdmu għal taqsima oħra. Bis-saħħa ta' dik id-deċiżjoni, beda jinqatagħlhom ħlas mis-salarju tagħhom li tqies bħala "*absence deduction*" minkejja li huma ma kinux neqsin mill-post tax-xogħol meta segwew id-direttiva. Iridu li l-Qorti ssib li l-imsemmija deċiżjoni ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-liġi, u li jitħallsu dak kollu li tnaqqsilhom mis-salarju tagħhom. Iridu wkoll li l-Qorti ssib li, minħabba fl-imsemmija deċiżjoni, ġarrbu d-danni u li jingħataw kumpens minħabba f'hekk;

Illi l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ma

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess

jgħoddx għall-każ tal-atturi billi l-kwestjoni kienet tittratta ċ-ċaqlieq ta' impjegati minn taqsima għal taqsima oħra tal-Isptar *Mater Dei* u dan jammonta għal amministrazzjoni interna li ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfissra f'dak l-artikolu; li l-azzjoni attriċi trid titqies fil-qafas ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(6) dwar in-natura partikolari tas-servizz mal-Gvern; li l-imħarrek Ivan Falzon mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża, għaliex mhuwiex persuna ġuridika u r-rappreżentanza ġuridika tal-Isptar hija mħollija fid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa u mhux fil-kap eżekuttiv tal-Isptar; li jonqos fl-azzjoni attriċi s-sies ġuridiku billi huwa l-imħarrek Segretarju Permanenti li għandu r-responsabbilta' li jqassam u jassenja r-riżorsi umani biex jagħtu s-servizzi tagħhom fl-Isptar u mhux lill-Union tal-ħaddiema. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, billi qalu li d-deċiżjoni li minnha jilmintaw l-atturi kienet tajba u skond il-liġi u dan minħabba li l-imġiba tal-atturi meta segwew id-direttiva tal-azzjoni industrijali tat ir-raġuni għat-teħid tal-istess deċiżjoni. Itemmu jgħidu li, madankollu, lanqas fadal lok li l-Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' fis-seħħ ladarba l-atturi tħallsu dak li kien qiegħed jitnaqqsilhom mis-salarju tagħhom;

Illi, minħabba dak li ssemma fit-Tweġiba Maħlufa, l-atturi ressqu Nota ta' Ċessjoni tat-talbiet fil-mertu u żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-atturi huma mpjegati bħala *phlebotomists* fit-taqsima onkoloġika *Sir Anthony Mamo* fl-Isptar *Mater Dei*. Fit-Taqsima tal-*Phlebotomist technicians* fl-Isptar hemm 'il fuq minn tletin (30) ruħ. L-atturi huma msieħbin fil-*Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the Workers*. Għal xi żmien, u minkejja li l-UĦM ma kinitx it-*trade union* magħrufa għall-kategorija, l-atturi segwew direttiva mill-Union tagħhom bħala riżultat ta' tilwima ta' xogħol dwar l-arranġament tat-tqassim tax-xogħol għall-kategorija tal-flebotomisti milħuq għall-ħabta ta' Lulju tal-2016 bejn it-tmexxija tal-Isptar u l-*General Workers' Union*, li hija t-*trade union* magħrufa mill-istess tmexxija tal-Isptar biex tirrappreżenta lil dik il-kategorija għall-finijiet ta' negozjati;

Illi l-arranġament imsemmi kien jirrigwarda sistema ta' rotazzjoni tal-kategorija, maħsub biex issolvi problemi li kienu qegħdin jinħalqu f'xi taqsimiet tal-Isptar[3], imma li l-Union li fiha l-atturi ssieħbu qisitu mhux meħtieġ. Minn

[3] Dok "BS1", f'paġġ. 22 – 3 tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1872/16JRM

mindu beda jitħaddem l-arranġament, waqfu l-ilmenti li kien hemm qabel dwar is-servizz tal-flebotomisti;

Illi b'seħħ minn dakinhar li l-atturi bdew isegwu d-direttiva tal-Union tagħhom, sarilhom tnaqqis mis-salarju tagħhom ta' kull xahar bħala "*Absence Day Deduction*"[4] u dan b'seħħ mis-salarju tal-4 ta' Novembru, 2016. Il-Union li tagħha l-atturi huma membri talbet lill-imħarrek Rapa biex jintervjeni ħalli ma jibqax isir aktar it-tnaqqis mis-salarju tal-atturi[5], li l-imsemmija Union tqis li kien qiegħed isir talli l-atturi għażlu li joqogħdu għad-direttiva tagħha u talli għażlu li jissieħbu bħala membri magħha. It-tnaqqis kien isir ukoll rigward dawk il-jiem ta' xogħol li fihom l-atturi kienu daħlu għax-xogħol fl-Isptar imma s-servizz tagħhom ma ngħatax;

Illi jirriżulta wkoll li bejn it-tmexxija tal-Isptar u l-Union li tagħha l-atturi huma membri, saru tentattivi biex jinstab tarf tat-tilwima, minkejja li dik il-Union ma tgawdix l-għarfien tat-tmexxija tal-Isptar. Minħabba li baqa' ma nstabx tarf tal-kwestjoni, fil-21 ta' Diċembru, 2016, l-atturi talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin biex iżommuhom, jew lil min minnhom, milli "jkompli jaqta' u jnaqqas mill-paga perċepita mir-rikorrenti bħala ħaddiema tal-*Mater Dei Hospital* taħt il-pretiża ta' '*Absence Deduction*'". It-tnaqqis fis-salarju baqa' jsir sa dakinhar li l-Qorti laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat. Mix-xhieda mressqa, fit-22 ta' Diċembru, 2016, ingħatat ordni mill-imħarrek Falzon lid-dipartiment tal-Finanzi fl-Isptar biex ma tibqax tinżamm il-parti mnaqqsa mis-salarju tal-atturi, imma minħabba li kien daħal ix-xahar u kien wasal iż-żmien li jinħarġu s-salarji ta' Diċembru, tal-Isptar, l-ordni twettqet mal-ewwel ħlas ta' salarju ta' Jannar, 2017[6];

Illi b'degriet mogħti fit-3 ta' Jannar, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fl-20 ta' Jannar, 2017;

Illi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, l-imħarrkin ħallsu lill-atturi l-ispejjeż tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jifdal li jsiru f'din il-kawża jitolbu d-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar min imissu jħallas l-ispejjeż tal-kawża. Minħabba n-natura tal-azzjoni, il-Qorti xorta waħda kellha tqis u tifli l-ftit atti tal-kawża u dawk tal-Mandat kawtelatorju li b'riħithom kellha tinfetaħ din il-kawża;

[4] Dokti "B", "Ċ" u "D" f'paġġ. 7 – 9 tal-atti tal-Mandsat 1872/16JRM
[5] Dok "A" f'paġ. 6 tal-atti tal-Mandat 1872/16JRM
[6] Xhieda ta' Hubert Brincat f'paġ. 29 tal-proċess

Illi, qabel xejn, irid jingħad li, bħala prinċipju, l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota għall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawża. Il-liġi trid[7], madankollu, li meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra ma tistax tirrifjutaha[8];

Illi ċ-ċessjoni ta' kawża hija waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti[9], u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura[10] minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-proċess ġudizzjarju[11];

Illi r-riżervi magħmula f'Nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, "biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar" jew "bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti") ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata[12], u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha. Ingħad li r-"*ratio*" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqfu f'kull waqt tal-kawża[13];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-atturi ċedew il-mertu, imma b'kundizzjoni. Żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż. Dan wassal lill-Qorti biex ikollha b'xi mod tqis iċ-ċirkostanzi li ssemmew aktar qabel biex tiddetermina jekk kemm-il darba l-eżawriment tal-kwestjoni fil-mertu iridux iwieġbu għalih l-imħarrkin, jew jekk jgħoddx għall-atturi l-prinċipju msemmi aktar qabel li min iċedi l-atti jrid iħallas ukoll l-ispejjeż;

Illi l-Qorti tqis li, bi tħaddim tar-regoli fuq imsemmija, l-atturi wrew b'mod tajjeb li r-raġuni li wasslithom biex iċedu l-mertu tal-azzjoni tagħhom kienet ġejja mill-parti mħarrka u dan b'xi ħaġa li saret jew ġrat fil-mori tal-kawża. Dan għamluh billi ressqu b'xhud tagħhom rappreżentant tat-taqsima tal-Finanzi tal-Isptar li ta tagħrif dwar kif u meta ma baqax isir tnaqqis aktar mis-salarji tal-atturi u kif u meta tħallsu lura l-ammont li laħqu kienu nżammu. Għalhekk, joħroġ ċar li dak li l-atturi ippretendew bl-azzjoni tagħhom tħallas lura lilhom wara li nbdiet il-kawża. Dan jingħad għaliex, fis-Servizz Ċivili, l-ewwel ħlas ta' salarju fl-2017 sar fit-28 ta' Jannar, 2017, jiġifieri sitt ijiem wara li l-atturi fetħu l-kawża. Min-naħa l-oħra, l-atturi ma setgħux iħallu ż-żmien għaddej,

---

[7] Art. 907(2) tal-Kap 12
[8] Art. 908 tal-Kap 12
[9] P.A. RCP **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et***
[10] P.A. AM **23.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe*** (mhix pubblikata)
[11] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.***
[12] App. Ċiv. **5.4.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Mirasole*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.137)**
[13] App. Ċiv. **8.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LI.i.584**)

minħabba li t-terminu biex jiftħu l-kawża wara li kisbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni beda għaddej fit-3 ta' Jannar, u kellhom għoxrin jum biex jiftħu l-kawża. Dan ifisser li l-atturi ma fetħux il-kawża b'kapriċċ u li kieku naqsu li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, l-effetti tal-Mandat minnhom miksub kienu jintemmu u l-qagħda terġa' lura għal ta' qabel. Ma tressqux provi li juru li l-imħarrkin jew min minnhom kienu fetħu għajnejn l-atturi b'din il-miżura jew bid-deċiżjoni li ma jibqax jinżammilhom xi tnaqqis mis-salarji tagħhom sa dakinhar li huma fetħu l-kawża;

Illi fuq dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kap tal-ispejjeż irid jitħallas mill-imħarrkin bejniethom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar it-talbiet attriċi fil-mertu, fid-dawl taċ- ċessjonijiet magħmulin minnhom matul is-smigħ tal-kawża u bin-nota tagħhom tas-sittax (16) ta' Mejju, 2017; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Diċembru, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**20 ta' Diċembru, 2017**